# SA FL-AĦĦAR PROVINĊJA - MITT SENA ILU (7.5.1892)

(Mir-Rev. Dr. Valentin Borg Gusman, O.Carm.)

L-ulied iridu bilfors igħaddu ċertu żmien li fih ikunu jiddependu minn min nissilhom. Il-Karmelu Malti hu frott il-ġuf tal-Provinċja Karmelitana ta' Sqallija; id-data uffiċjali ta' l-ewwel Karmelitani f'Malta hija dik ta' l-1418.[1] Għalhekk dawn l-Aħwa tal-Verġni Mqaddsa tal-Karmnu ma setgħux ma jkunux dipendenti minn dik il-Provinċja. Meta mbagħad il-Karmelu Sqalli nqasam f'żewġ Provinċji, il-kunvent tal-Lunzjata l-Qadima (Rabat-Malta) għadda f'idejn il-Provinċja ta' Sant Anġlu (Sqallija). U kemm hu u kemm il-kunventi l-oħra li ġew warajh baqgħu jiddependu minn dik il-Provinċja sal-1819,[2] sena li fiha rnexxielhom jinfirdu minnha u jitqiegħdu bħala Vigarjat Provinċjali taħt il-ġurisdizzjoni waħdanija tal-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan. Wara, sewwa sew fis-7 ta' Mejju 1892, il-Vigarjat Malti ġie mgħolli għall-grad ta' Provinċja.[3]

**1. Dipendenti mill-Provinċja ta' Sqallija**

Il-Provinċja Karmelitana ta' Sqallija hija l-ewwel waħda li l-irħieb tal-Għolja tal-Karmelu waqqfu fil-Punent. Minħabba fil-persekuzzjoni tal-Musulmani, huma kellhom jitilqu kontra qalbhom mill-Palestina u jemigraw fl-Ewropa. Għal ħabta tas-sena 1238, huma waqqfu l-ewwel kunvent tagħhom f'Messina. F'qasir żmien l-għadd tal-kunventi kotor hekk, li fl-aħħar snin tas-seklu XIII, diġà kien hemm madwar 15-il kunvent imxerrdin ma' Sqallija u d-dukat ta' Napli li kien jagħmel magħha.[4]

Għalhekk il-Kapitlu Ġenerali ta' Montpellier, fl-1321, fired dawk il-kunventi f'żewġ Provinċji, waħda ta' Sqallija u oħra tal-Puglia.[5] B'xorti ħażina din ma tantx damet ħajja, għaliex fl-1333 il-kunventi tagħha ġew magħqudin mal-Provinċja ta' Ruma. U sa l-1472, kien hemm fil-gżira ta' Sqallija Provinċja Karmelitana waħda.[6]

Mela l-Karmelu Malti dam jiddependi mill-Provinċja Siċiljana li minnha tnissel għal 54 sena: 1418-1472.

**2. Dipendenti mill-Provinċja ta' Sant Anġlu (Sqallija)**

Minn katalgu tal-kunventi Karmelitani fl-Italja, jirriżulta li l-Provinċja ta' Sqallija, sal-1472, kellha 37 kunvent. Għalhekk il-Ġeneral ta' l-Ordni Kristoforu Martignoni, b'amar tal-Papa Sistu IV, fil-Kapitlu Ġenerali ta' Asti (1472), feraq il-kunventi Sqallin f'żewġ Provinċji: il-Provinċja ta' "Val di Noto e Demoni" u l-Provinċja ta' "Mazzara del Vallo".[7] Din ħadet l-isem ta' Sant Anġlu filwaqt li dik baqgħet tissejjaħ il-Provinċja ta' Sqallija. Imma l-firda ma rnexxietx; damet biss 10 snin. U kellhom igħaddu aktar minn 100 sena (1585) biex il-firda ssir mill-ġdid. Issa l-Provinċja ta' Mazzara żammet l-istess isem ta' qabel (Sant Anġlu) u l-oħra, minflok il-Provinċja ta' Sqallija, għażlet l-isem ta' Sant Albert.[8]

Fi żmien din l-aħħar firda l-Karmelu Malti kellu żewġ kunventi, wieħed barra r-Rabat (Malta) u ieħor fil-belt Valletta.[9] Kellu wkoll f'idejh il-knisja tal-Madonna ta' Monserrat, il-Birgu.[10] It-tlieta kienu jiddependu mill-Provinċja ta' Sant Anġlu li semmejna. It-tibdil li sar wara ma effettwa xejn il-ġurisidizzjoni ta' dik il-Provinċja fuq il-kunventi Maltin.

Dan it-tibdil kien jikkonsisti l-ewwelnett fl-abbandun tal-knisja tal-Madonna ta' Monserrat fl-1611, għaliex il-Karmelitani marru joqogħdu fil-kunvent u l-knisja li kienu bnew iddedikati lill-Madonna tal-Karmnu. B'xorti ħażina ma damux fihom ħlief ftit aktar minn 40 sena, sal-11 ta' Ottubru 1653, għax kellhom jitilqu minn hemm minħabba l-Kostituzzjoni Apostolika

"Instaurandae" ta' Innoċenz X.[11] U t-tieninett l-abbandun tal-knisja u l-kunvent ta' barra r-Rabat (Malta) fl-1659, għaliex il-Karmelitani rnexxielhom jidħlu fl-Imdina.[12]

### 3. Il-fewġa tal-firda

Meta l-ulied jikbru u jilħqu ċerta età jibdew iħossu li għandhom jinqatgħu mill-ġenituri tagħhom u jfendu għal rashom; jibdew iħossuhom maturi biżżejjed biex jieħdu fuqhom ċerta responsabbiltà u ċerti drittijiet. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu mill-Patrijiet Karmelitani hawn Malta. Meta l-għadd tagħhom kiber ġmielu u kibret ukoll sewwa r-renta taż-żewġ kunventi tagħhom, xi wħud bdew jitħajru jeħilsu mis-setgħa tal-Provinċja ta' Sant Anġlu u jaqdfu għal rashom.

Il-Prof. Anastasju Cuschieri, O.Carm., isejjes din il-fewġa tal-firda fuq żewġ raġunijiet. L-ewwelnett fuq l-għadd kbir ta' reliġjużi Karmelitani li kien hawn Malta għal ħabta ta' nofs is-seklu XVII. Bħala eżempju jsemmi l-kunvent tal-Belt. Igħid, li f'dak iż-żmien, dan il-kunvent "ma kellux anqas minn 32 saċerdot, barra minn 6 ajkijiet u nies oħra sekulari". It-tieni raġuni mbagħad għandha bħala bażi l-influss taż-"żerriegħa li minnha ħarġet imbagħad ir-Rivoluzzjoni Franċiża" li "f'nofs is-seklu XVII ġa kienet bdiet tixtered ma' l-Ewropa kollha".[13]

Ma' dawn ir-raġunijiet nistgħu nżidu s-sentiment li kull ma jmur beda jikber u jiżżarġan f'moħħ il-Karmelitani Maltin li huma, jekk mhux aħjar imma lanqas agħar mill-Isqallin kemm f'dak li hu studju u oratorja u kemm f'dik li hi tmexxija u ħidma pastorali. Li matul is-seklu XVII il-Karmelu Malti kellu 16-il reliġjuż iggradwat: 13 bil-Maġisteru u 3 bil-Baċellerat, ħadd ma jista' jiċħdu. Dawn kienu:

- PP. Majjistri: Pietru Zarb, Silvanu Tizzone, Anġlu Piju Agius, Bazilju Sciberras, Tumas Savia, Anton Agius, Ġwann Galea, Ġwann Battista Buijs, Ġwann Battista Borgia, Ġwann Pietru Greco, Ċirillu Patmos, Ġakbu Pietru Greco, Albertu Sammut;
- PP. Baċellieri: Ġerardu Grech, Anġlu Formosa, Ġużeppi M. Navarro.[14]

Spikkaw fost oħrajn il-Majjistri Pietru Zarb u Anton Agius, it-tnejn teoloġi u oraturi famużi li ħallew miktubin xi trattati u diskorsi tagħhom,[15] u t-tnejn kienu Konsulturi tal-Qorti ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta. Dan ta' l-aħħar kien ukoll eżaminatur sinodali u hekk profond fil-Filosofija u t-Teoloġija li l-Isqof Luqa Buenos kien sikwit jikkonsulta ruħu miegħu.[16] Lill-ieħor, l-Abbati Pirro jsejjaħlu "Celebris Ecclesiastes", u Arthur Bonnici jgħid, li Pietru Zarb kien "a very learned friar in the Carmelite Order, Consultant of the Inquisition".[17]

Fil-qasam letterarju, il-Majjistru Albertu Sammut kien jisboq lill-Maj. Anton Agius. Dan ħalla xi versi b'tifħir l-istorja ta' Ismeria, imma huwa l-ieħor li għamel isem u baqa' mfaħħar bħala "poeta u oratur mill-aħjar li kellna Malta". Ta' kull wieħed minnhom jinsab ritratt taż-żejt fl-Università ta' Malta (Valletta) u fil-kunvent li għexu fih.[18]

It-tmexxija ta' Provinċja b'37 kunvent, kif kienet dik ta' Sant Anġlu fl-1657, bilfors titlob li l-Provinċjal tagħha jkun bniedem ta' ħila kbira u responsabbiltà minbarra li jkun reliġjuż osservanti u ta' dixxiplina. Minn katalgu tal-qagħda ta' l-Ordni Karmelitan fl-ewwel snin tas-seklu XVII, xogħol il-General Enrico Silvio, jirriżulta li l-Provinċja ta' Sant Anġlu kellha 790 reliġjuż.[19] B'danakollu fost tant mijiet ta' patrijiet Sqallin, ħadd minnhom ma ntgħażel biex imexxi l-Provinċja. Kellhom jaqgħu għal wieħed Malti, il-Maj. Anton Agius.[20]

Fl-aħħarnett, għal dak li hu xogħol pastorali, ħaqqhom kull tifħir, fost oħrajn, il-Majjistru Ġwann Battista Buijs li "kien jinqala' għal kollox", P. Gabrijel Sapiano li "bħala konfessur (kien) imfittex minn bosta", u P. Askanju Minicucci li waqqaf il-kunvent tal-Birgu.[21]

kemm fi Sqallija u fl-Italja.[34] Malti ieħor, il-Maj. P. Ġużeppi Cachia, mhux biss ippriedka imma ppubblika wkoll tliet diskorsi tiegħu, wieħed magħmul f'Awgusta (Sqallija) u tnejn oħra fl-Imdina.[35] Min-naħa tiegħu, il-Maj. Mikiel Ang Chircop seta' jiftaħar li hu ma kienx inqas mit-Taljani. Baqa' jissemma għall-Avvent u l-Kwareżimal li huwa ppriedka bit-Taljan fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann (Malta) u bħala Annalista (predikatur ordinarju) ta' dik il-knisja għal bosta snin.[36]

Ma naqasx xi Karmelitan li ddistingwa ruħu fil-qrar, bħal P. Ġużepp Busuttil li l-konfessinarju kien għalih kollox.[37] Għad-devozzjoni mbagħad tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, żgur li P. Tonin Olivier kien jisboq lil kulħadd; kien hu li daħħal il-purċissjoni ta' "Corpus", b'digriet li kien kiseb mingħand il-Papa Klement XI.[37] Saħansitra fil-mużika sagra nsibu xi Karmelitan jogħla fuq oħrajn. Huwa l-każ ta' P. Stiefnu Mifsud, organista u kompożitur ta' kant ferm. Kemm f'Malta u kemm fl-Italja jinsabu xi xogħlijiet tiegħu. Kien ukoll kantur il-Katidral u kellu bosta allievi.[38]

Flimkien mal-kwantità u l-kwalità tar-reliġjużi, kien hemm raġuni oħra, x'aktarx l-ewlenija, li reġgħet kebbset ix-xrara tal-firda tal-Karmelu Malti minn dak Sqalli. Hija l-ħila tal-Maltin fl-amministrazzjoni u t-tmexxija. Fil-fatt, il-Baċċ. P. Anġlu Formosa kien Vigarju Pirjol fil-kunvent tal-Karmnu ta' Ġenova, il-Maj. P. Baldasser Azzopardi għamel disa' snin Pirjol f'żewġ kunventi ta' Sqallija u, aktar tard, intgħażel saħansitra Provinċjal tal-Provinċja ta' Sant Anġlu, il-Maj. P. Ġwann Bat. Fiteni u l-Maj. P. Ġużepp Zarb it-tnejn kienu ntgħażlu mill-istess Sqallin b'Viżitaturi tal-kunventi ta' Malta, u l-Maj. P. Pier Tumas Grech ħa parti f'Kapitlu Ġenerali bħala Depożitarju.[39]

Irridu naħsbu li l-Maltin irranġunaw li, jekk l-Isqallin stess jagħżlu Maltin biex imexxuhom jew biex jaraw humiex sejrin tajjeb il-kunventi jew biex jirrappreżentawhom, għaliex m'għandux ikun Malti s-surperjur ewlieni taż–żewġ kunventi tal-Belt u ta' l-Imdina? Ma jistax il-Karmelu Malti jkun Vigarjat Provinċjali taħt il-ġurisdizzjoni diretta tal-Ġeneral ta' l-Ordni u ma jibqax jiddependi iżjed mill-Provinċja ta' Sant Anġlu? Minnu li l-ebda profeta ma hu bla ġieħ f'pajjiżu u daru, imma huwa minnu wkoll li d-demm qatt ma jsir semm.

Bosta Karmelitani Maltin riedu l-firda, imma l-Maj. P. Baskal Clysson biss indaħal b'ruħu u ġismu biex jiksibha. Kien hu l-bniedem mibgħut minn Alla, mogħni b'ħila u ħeġġa tassew tal-għaġeb, li, fl-1750, ta bidu għal din il-biċċa xogħol iebsa. Ma naqsux xi wħud li għal raġuni jew oħra fixkluh kemm felħu. Għalhekk hu kellu jitqabad mhux biss ma' l-Isqallin li ma ridux jerħu minn taħt idejhom il-kunventi ta' Malta, imma wkoll ma' dawk il-Maltin li għamlulu l-bsaten fir-roti.[40]

Clysson kien imqarqaċ ġmielu u ma jċediha lil ħadd. Ħtija ta' dan il-karattru tiegħu, ma ħasibhiex darbtejn li ma jagħrafx u ma jilqax patri Karmelitan Sqalli mibgħut mill-Provinċjal tal-Provinċja ta' Sant Anġlu bħala Viżitatur tal-kunventi Karmelitani Maltin.[41] Cuschieri u S. Abela jgħidu, li r-raġuni ta' dan l-aġir ta' Clysson kienet għaliex il-Provinċjal li bagħtu kien għalaqlu ż-żmien[42] u baqa' Provinċjal bis-saħħa tar-*Regia Monarchia*.[43] Fil-fehma tagħna, raġunar bħal dan huwa żbaljat, jew aħjar sofismu u tkewtil, għax mhux darba u tnejn xi Kapitli Provinċjali ta' dik il-Provinċja ta' Sant Anġlu ma sarux wara tliet snin, imma wara erbgħa u ħamsa wkoll.[44]

Għall-magħmul m'hemmx kunsill. Dak il-patri Sqalli kellu jħalli l-kunvent tal-Karmelitani tal-Belt u jmur joqgħod fil-kunvent tad-Dumnikani l-Belt ukoll. Minn S. Abela nafu li l-patri kien il-Maj. P. Gonzales u li dam għand id-Dumnikani mill-15 ta' Ottubru 1750 sal-10 ta' April

1751.[45] Imma dan l-awtur ħalla barra mingħajr l-ebda kumment ċirkustanza li hi ta' saram għat-teżi tiegħu. Hi, li d-Dumnikani wara ppretendew l-ispejjeż ta' kemm dak il-patri dam jiekol u jorqod għandhom u li l-Inkwiżitur Mons. Gregorio Salviati mhux biss ma tahomx raġun imma qatagħha wkoll li ma kellhom dritt jippretendu xejn.[46] Jekk il-każ ġara fl-1750/51, għaliex id-Dumnikani rrikorrew għand Salviati u mhux għand l-Inkwiżitur ta' dak iż-żmien, Mons. Paolo Passionei? Salviati wasal Malta bħala Inkwiżitur fl-20 ta' Ġunju 1754.[47] Fin-nuqqas ta' soluzzjoni għal din id-diffikultà, tibqa' wkoll valida teżi oħra eqdem ta' Cuschieri, Sammut u awtur anonimu li l-ġrajja ta' dak il-patri Sqalli seħħet wara li l-Papa Benedittu XIV, fl-1754 ħareġ digriet li bih reġa' għaqqad il-Karmelitani ta' Malta mal-Provinċja tagħhom ta' Sant Anġlu.[48]

Ħidmet Clysson għall-firda li semmejna qabel sabet art tajba. Biex jilħaq it-tir ta' moħħu huwa fittex l-għajnuna ta' ħaddieħor u billi kelmtu kienet mismugħa bħala oraklu, għax kien mogħni b'għerf kbir u Konsultur tas-Sant Uffiċċju, ma baqax b'xiber imnieħer. Wieħed li għenu kien l-Inkwiżitur ta' Malta Mons. Paolo Passionei. F'ittra tiegħu lis-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, bid-data tat-13 ta' Novembru 1751, Passionei ssuġerixxa li, biex jinqata' darba għal dejjem l-inkwiet bejn il-Patrijiet Maltin u s-Superjuri tagħhom fi Sqallija, ikun jaqbel ħafna li jinqatgħu minn dawk is-Superjui u jkunu jiddependu direttament mill-Ġeneral ta' l-Ordni tagħhom.[49]

Clysson kiseb ukoll l-għajnuna tal-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca. Dan, minn mindu ġie Malta ta' 11-il sena bħala paġġ tal-Gran Mastru Ramon Perellos sa dak in-nhar li laħaq Gran Mastru, kien dejjem ma' djul il-Patrijiet tal-Karmnu tal-Belt. Kien joqgħod ħdejn il-Karmnu, fi Triq il-Punent kantuniera ma' Triq u Sqaq it-Teatru, fid-"Dar tal-Familja Nobbli Periera Coutinho" magħrufa bħala l-"Palazz Britto".[50] Għalhekk ma setax jonqos li ma jkunx midħla tal-kunvent u tal-Knisja tal-Karmnu u jnissel fih devozzjoni qawwija lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Għolja tal-Karmelu. Forsi din kienet ir-raġuni għaliex huwa għażel li jagħmel il-professjoni solenni tiegħu bħala Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu (fit-28 ta' Ġunju 1705), minflok fil-kappella tal-Madonna ta' Filermu fil-Knisja Konventwali ta' l-Ordni, jew fil-kappella tal-Berġa ta' Kastilja, kif x'aktarx kien isir is-soltu.[51]

Żgur li Pinto għen lil Clysson u sħabu f'Jannar 1753. Karlu IV, ir-Re taż-Żewġ Sqallijiet, kien beda jmaħħaħ jekk jibgħatx jew le *Giudice della Monarchia* biex jisma' kawża li kellha x'taqsam mal-kunventi Karmelitani ta' Malta. Il-Gran Mastru, permezz ta' l-Ambaxxatur ta' l-Ordni f'Napli, irnexxielu jipperswadih biex ma jagħmilx hekk.[52]

Hemm min igħid li Pinto kien diġà qabel ta palata lill-Karmelitani Maltin biex jiksbu l-firda minn Sqallija, [53] billi qabeż għalihom quddiem il-Papa Benedittu XIV. Jekk dan huwa minnu, ma nistagħġbux jekk il-Papa ta widen għal kliem il-Gran Mastru, għax Benedittu XIV kien obbligat ħafna lejn Pinto. Mhux darba u tnejn kien talbu biex idaħħal fl-Ordni wlied in-neputi tiegħu, il-Markiż Lambertini ta' Bolonja, meta dawn kienu għadhom fil-fisqija jew lanqas biss twieldu. U l-Gran Mastru mhux biss laqa' għal darba tnejn tlieta t-talba tiegħu, imma bagħat igħidlu wkoll li kien iħossu onorat b'dawk il-petizzjonijiet u m'hemmx għalfejn iħallsilhom lit-tfal il-flus tal-passaġġ jew jibgħatlu xi provi li huma ta' nisel nobbli. Saħansitra wegħedu li se jħalli l-bieb miftuħ ta' l-Ordni għal kull tarbija tifel li seta' jkollu 'l quddiem in-neputi tiegħu.[54]

Bħala Malti Clysson kien jaf sewwa li, biex jixrob ilma safi, kellu jmur f'ras il-għajn. Għalhekk qabad it-triq u telaq lejn Ruma. Meta u għalfejn? Erġajna għandna nuqqas ta' qbil bejn l-istudjużi ta' l-Istorja. Skond S. Abela, dan ġara qabel id-digriet tal-firda ta' Frar 1752. Wara l-każ tal-patri Sqalli li tkellimna minnu, il-Provinċjal tal-Provinċja ta' Sant Anġlu, il-Maj. P.

Angelo Formica, bagħat Viżitatur ieħor fil-persuna tal-Maj. P. Massimiljanu Balzano (Malti), bniedem aħrax u ta' ras iebsa, bil-ħsieb li jikkastiga lil P. Baskal Clysson li kien li l-aktar oppona lill-Viżitatur ta' qablu, fost kollox billi jneħħih minn Pirjol. Biex ikun jista' jilħaq l-iskop ta' rasu, il-Viżitatur, minflok ħamest ijiem kif kien obbligat b'digriet tal-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u r-Regulari, baqa' jtawwal il-viżita kif kien jaqbel lilu. Għaldaqstant, il-Pirjol, P. Baskal Clysson, qabad u telaq Ruma għand il-P. Ġeneral ta' l-Ordni biex ikun jista' jesponi l-każ tiegħu aħjar. [55]

Il-verżjoni l-oħra tmexxi aktar 'il quddiem id-data tal-mawra ta' Clysson f'Ruma. Mar hemmhekk wara li "i Carmelitani Siciliani... aiutati dal Re' di Napoli, erano capaci di far ritirare il decreto del Sommo Pontefice" (Sammut); meta "il-patrijiet sqallin ma qatgħux qalbhom, u bid-digriet kollu, kellhom il-ħila, permezz tar-Re ta' Napli, ireġġgħu lura kull ma kien sar u jerġgħu jwaqqgħu taħthom il-patrijiet maltin" (Cuschieri).[56] L-irtirar tad-digriet tal-firda sar wara s-26 ta' Novembru 1754. Għalhekk Clysson mar Ruma f'Diċembru 1745 / Jannar 1755. Min-naħa l-oħra, l-għan tal-mawra tiegħu kien "biex jara jistax jaqla' l-firda" (Cuschieri), jew kif jikteb Sammut: "Di più P. Clysson andò egli medesimo a Roma a perorare la causa della separazione dei due conventi maltesi dalla provincia Siciliana."[57]

Milli jidher, il-korrispondenza favur il-firda kellha effett pożittiv fuq il-Papa, għax fis-16 ta' Frar (u mhux fid-19 kif kiteb S. Abela) 1752, Benedittu XIV ħareġ id-digriet "Debitum Pastoralis officii", li jordna l-firda

> "Daum Romae apud S. Mariam Majorem sub Annulo Piscatoris die 16 Fabruarii 1752. Pontificatus Nostri Anno Duodecimo".[58]

Lanqas ma nistgħu naqblu ma' S. Abela, li "P. Clysson, permezz tal-P. Ġeneral Ludovico Laghi, irnexxielu li jakkwista mingħand il-Papa" dak id-digriet.[59] Mhux talli ma talbux il-Ġeneral, imma talli Benedittu kien kostrett li jobbliga lill-Ġeneral biex iwettaq il-firda:

> "Tibi per praesentes iniungimus, praecipimus ac mandamus, ut supradictos duos Conventus ... Insulae Melitensis a Provincia Sicula ... omnino, et perpetuo separes, dismembres, disjungas, dividas et eximas".[60]

Li kieku talab il-Ġeneral, il-formula wżata mill-Papa kienet tkun: "Nagħtuk is-setgħa, kif tlabtna int, li tifred dawk il-kunventi..."

Id-digriet iżid jordna lill-Ġeneral biex iqiegħed dawk iż–żewġ kunventi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu biss u tal-Ġenerali Karmelitani l-oħra li jiġu warajh:

> "Conventus praedictos sic per Te vigore praesentium... omnimode Tuae, et pro tempore existentium Priorum Generalium memorati Ordinis perpetuo itidem subjicias".[61]

Fl-aħħarnett jagħmilha ċara li jiġi kkastigat il-Provinċjal preżenti jew kull Provinċjal ieħor ta' dik il-Provinċja ta' Sqallija li jiġi warajh, jekk kemm-il darba jazzarda jippretendi xi dritt fuq il-kunventi, il-Pirjoli, il-patrijiet jew xi persuni oħra li hemm fihom jew li jiddependu minnhom:

> "imponendis poenis moderno, et pro tempore existenti Priori Provinciali Provinciae Siculae hujusmodi praecipimus, ne in supradictis duobus Conventibus, ac in illorum Prioribus, Fratribus, aliisque personis, ac in illis existentibus, et ab eis dependentibus... ullum jus, ullamque jurisdictionem, et actionem habere, et exercere audeat, seu praesumat".[62]

Mela Clysson u sħabu kienu ġabuha żewġ, ikkumbattew u rebħu. Għalhekk bir-raġun qabżu




*P. Ġeneral Ludovico Laghi*

u ferħu. Min qatt seta' jgħaddilu minn moħħu li r-rebħa kellu jkollha għamorha qasir u tisfa fix-xejn! L-aħbar tal-firda ġriet bħal berqa u, malli l-Provinċjal ta' Sant Anġlu (P.M. Angelo Maria Formica di Licata) sar jaf, faqqgħet is-sajjetta. Hu l-ewwel ipprotesta mal-Ġeneral ta' l-Ordni, imma ma għamel xejn miegħu. Għalhekk wara dar fuq l-awtorità ċivili u ġietu warda.

Fil-fatt, l-avukat Straequadaini rċieva ittra hawn Malta, maħruġa mill-avukat tal-Patrimonju Rjali ta' Palermo, biex imur personalment fiż-żewġ kunventi Karmelitani tal-Belt u ta' l-Imdina li kienu nqatgħu mill-Provinċja ta' Sqallija. Xogħlu kien li jitlob lill-Pirjol ta' kull wieħed minn dawk il-kunventi l-kotba tal-kunvent biex jagħmel xi tiftix. Huwa u jfittex, jekk isib imniżżel x'imkien id-digriet tal-Papa, xi digriet tal-Ġeneral ta' l-Ordni jew xi korrispondenza li titkellem mill-għotja tal-firda, kellu jħassarha jekk jista' jew iqattagħha. Id-digriet oriġinali tal-Papa jew kopja awtentika tiegħu, dan ma kellux jitqatta' iżda, wara li jiġi ffirmat mill-patrijiet kollha, jintbagħat f'Parlemo. Ir-raġuni ta' dan l-aġir hi, għaliex la d-digriet tal-Papa u lanqas id-digrieti jew ittri oħra tal-Ġeneral ma għaddew jew ġew ikkonfermati f'Palermo.

Ħaġa minn ewl id-dinja, Straequadaini ma ħax pjaċir b'dak l-inkarigu u għarraf b'kollox lill-Gran Mastru. Min-naħa l-oħra, mar ukoll personalment fiż-żewġ kunventi u fisser l-għan tal-viżita tiegħu lill-Pirjoli. M'għandniex xi ngħidu, malli dawn saru jafu għalfejn mar, ma ħallewhx iwettaq l-amar li kellu. Qalulu, li huma jagħarfu bħala superjuri ewlenin tagħhom lill-Papa u 'l-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan.[63]

Minn Sqallija ntalbet ukoll f'Napli l-għajnuna tar-Re taż–Żewġ Sqallijiet, Karlu IV,[64] li nzerta ma tantx kien ħabib mal-Papa u wisq iżjed mal-Gran Mastru Pinto, minħabba f'viżita ekkleżjastika tad-Djoċesi li ried jagħmel permezz tad-Delegat tiegħu l-Isqof ta' Sirakuża. Fil-fatt, f'Mejju/Ġunju[65] 1753, Karlu qatagħha li jibgħat Viżitatur Irjali, l-Isqof ta' Sirakuża Mons. Francesco Testa, biex ikollu dettalji dwar l-għadd tal-kjeriċi fid-Djoċesi ta' Malta, x'renti kellha l-Knisja u kif kienet qiegħda tonfoq il-ġid tagħha, u xi privileġġi kellhom il-qassisin. Il-Gran Mastru għamel minn kollox biex ifixkel il-pjan tar-Re. Saħansitra qabbad erba' kummissarji biex jistudjaw sewwa l-każ u jhejju difiża kontra d-deċiżjoni ta' Karlu. Ir-raġunijiet li ġabu dawn kienu suffiċjenti biex ir-Re jintebaħ li ma kellux raġun jieħu deċiżjoni bħal dik. Minkejja dan kollu. Karlu xorta waħda riedha tgħaddi tiegħu u ordna li ssir iż-żjara rjali.

Jekk ir-Re għamel ta' rasu, il-Gran Mastru m'għamilx inqas minnu. Malli n-nutar ta' l-Isqof ta' Sirakuża wasal fil-port, Pinto ordna li dan ma jitħalliex jinżel l-art u kellu jerġa' lura bħal ħmar lejn Sqallija. Din id-deċiżjoni ġabet reazzjoni kbira min-naħa ta' Karlu. Fl-4 ta' Jannar 1754, huwa ordna t-tneħħija ta' kull sinjal ta' l-Ordni ta' San Ġwann li kien hemm f'saltnatu, il-konfiska tal-beni ta' dan l-Ordni u ta' kull proprjetà Maltija, u ċaħad il-permess lil kull bastiment Malti li jersaq lejn xtut saltnatu.[64]

Deċiżjoni bħal din kienet bilfors tfisser tbatija għall-poplu tal-Gżejjer Maltin. L-Ordni tal-Kavallieri sab refuġju għand il-Papa u għand ir-Re ta' Sardinja. Il-Papa ħalla żewġt iġfien ibaħħru bil-bandiera tiegħu u b'hekk seta' jitwassal ikel f'Malta, filwaqt li r-Re ta' Sardinja fetaħ il-port ta' Cagliari għall-kummerċ ma' Malta. Karlu IV tilef sabru u, permezz tal-Ministru tiegħu f'Ruma, ipprotesta mas-Santa Sede kontra d-digriet tal-Papa favur il-firda tal-Karmelu Malti minn dak Sqalli u, naturalment, kontra l-aġir tal-Papa favur l-Ordni ta' San Ġwann.[67]

Is-Santa Sede ma tatux raġun, għax dehrilha li r-Re ma kellu l-ebda ġurisdizzjoni fuq ir-reliġjużi f'Malta, u min-naħa l-oħra, ma kienx faċli li l-Papa jirtira digriet tiegħu stess.

Għalhekk ir-Re, biex jivvendika ruħu, ordna lill-Karmelitani kollha ta' taħt il-ħakma tiegħu biex ma jagħtux lill-Ġeneral il-flus li kienu obbligati jagħtuh kull sena. Din il-gażiba beżżgħet xi ftit 'il-Ġeneral u, milli jidher, talab lill-Papa biex ibiddel id-digriet tal-firda.[68]

Fis-26 ta' Novembru 1754, Benedittu XIV bagħat ittra lil Karlu IV fejn talbu jwaqqaf il-miżuri drastiċi li kien ħa kontra l-Ordni ta' San Ġwann u Malta u biex terġa' ssaltan il-paċi fost kulħadd. Billi r-Re baxxa rasu għal din it-talba u neħħa l-projbizzjonijiet li kien għamel qabel, il-Papa, b'sinjal ta' rieda tajba, irtira d-digriet tal-1752, u ordna mill-ġdid l-għaqda tal-kunventi Karmelitani ta' Malta mal-Provinċja ta' Sant Anġlu fi Sqallija. Dan it-tieni digriet nqara fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitan ta' l-1762, flimkien mad-digrieti l-oħra li l-Ġeneral Ġwakkin Pontalti kien kiseb mis-Santa Sede matul il-Ġeneralat tiegħu:

> "Tandem recensitae fuerunt Litterae Apostolicae in forma Brevis, quas Rmus Praeses, pro bono comuni Ordinis et Provinciarum atque particulari quorundam Conventuum, suo Generalatus decursu obtinuit a S. Sede...; item aliae quibus restituuntur Provciae S. Angeli Conventus Vallettae et Notabilis".[69]

Telfa bħal din kienet daqqa ta' ħarta kbira għal Clysson u sħabu, issa kellhom jaqtgħu jieshom u jberrdu busbieshom. Imma ġara kollox bil-maqlub, għax huma aktar ħraxu u waħħluha f'rashom li jeħilsu mis-setgħa ta' dik il-Provinċja ta' Sqallija. Skond il-verżjoni ta' Cuschieri u oħrajn, kien wara din it-telfa li l-Provinċjal ta' Sqallija, biex juri l-jeddijiet tiegħu, bagħat 'il dak il-patri Sqalli bħala Viżitatur tal-Karmelu Malti u Clysson, li kien Pirjol tal-Belt, ma laqgħux fil-kunvent u kellu jmur għand id-Dumnikani. Wara din il-ġrajja, fl-1755, id-Dumnikani ppretendew l-ispejjeż ta' kemm dak il-patri dam għandhom, u l-Inkwiżitur Mons. Salviati ma tahomx raġun.[70] Wara li "irrabjat kontra l-Isqallin", Clysson xeħet 'il barra lil dak il-patri, u "ta' raġel li kien jaf id-dinja wkoll, qabad it-triq u mar Ruma".[71]

Ngħiduha kif inhi, il-Papa seta' jistenna li l-Maltin mhux se joqogħdu taħtha diksata bħal dik, l-irtirar tad-digriet tas-separazzjoni u l-għaqda mill-ġdid mal-Provinċja ta' Sqallija. Għalhekk bir-raġun saru ħafna rikorsi minn hawn u ittri minn hemm u hu, biex iberred il-qiegħa u jsalva wiċċ kulħadd, f'dik l-istess sena 1755 (11 ta' Frar), ħareġ il-Breve "Super Specula". Bih huwa għażel lill-Inkwiżitur ta' Malta, Mons. Gregorio Salviati, bħala Viżitatur Apostoliku tal-kunvent u tal-knisja tal-Karmnu tal-Belt.[72]

Mons. Salviati fetaħ il-viżita fl-11 ta' April 1755.[73] Wettaq kollox bir-reqqa, sema' kollox u ra kollox ħaġa b'ħaġa, sa sejjaħ lill-patrijiet li kellhom il-qrar u għamlilhom eżami. Wara, ħalla miktub, li fil-kunvent tal-Karmnu tal-Belt "kollox kien sejjer tajjeb, u l-patrijiet huma mill-aħjar, għorrief u biżlin".[74] Awtur anonimu jagħti verżjoni differenti mit-tnejn li semmejna qabel dwar meta Clysson mar Ruma. Jikteb: "Din iż–żjara ta' Mons. Salviati qawwiet il-qalb tal-Majjistru Patri Clysson u tal-Maltin li riedu l-firda. Dan ħa kemxa flus u telaq lejn Ruma bit-tama li fl-aħħar jirnexxilu l-ħsieb tiegħu ta' fejda għall-kunventi Maltin".[75] B'danakollu, Clysson baqa' b'xiber imnieħer u reġa' lura Malta b'idu f'idu. Tifħir Salviati kien duħħan bla xiwi.
Imma mhux kollox tar mar-riħ, għax ix-xemx taqli l-ankri tas-Sjuf Maltin kienet tħarrek minn żmien għal żmien demm il-Karmelitani ta' Malta u tkebbes f'qalbhom il-kilba ħierqa tal-firda. Il-qiegħa saħnet sewwa fl-1790, hekk li Ruma kienet kostretta li tqabbad lill-Inkwiżitur ta' Malta, Mons. Gallerati Scotti, biex jara jistax jifred il-Karmelu Malti minn dak Sqalli. Dan, fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Ġunju 1790, igħid li, ir-reliġjużi Maltin kollha barra mill-Karmelitani kienu mifruda bl-awtorità tal-Papa mill-Provinċji tagħhom fi Sqallija u mqegħdin taħt il-ġurisdizzjoni diretta tal-Ġenerali tagħhom. Għalhekk ma kien jara l-ebda raġuni għaliex il-Ġeneral tal-Karmelitani ma jagħmilx bħall-oħrajn, ladarba il-patrijiet Maltin kemm-il darba talbuh biex jagħmel hekk. Min-naħa l-oħra la l-Provinċjali Sqallin u lanqas ir-Re ta' Napli u Sqallija ma aċċettaw qatt il-firda tal-kunventi Maltin minn Sqallija.[76]

Wara din l-ittra ta' l-Inkwiżitur, il-Kardinal de Zelada, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, sejjaħ lill-Ġeneral ta' l-Ordni biex jikkonsulta miegħu. Dan stqarr li, għalkemm kien qiegħed taħt pressjoni kbira biex jifred il-kunventi ta' Malta minn dawk ta' Sqallija u jkunu jiddependu minnu direttament, kien meħtieġ li jimxi bi prudenza kbira speċjalment minħabba r-Re ta' Napli li seta' joħloq diffikultajiet kbar bħalma kien għamel meta Benedittu XIV kien ħareġ id-digriet tal-firda ta' Frar 1752. Għalhekk il-kustjoni tħalliet f'idejn l-Inkwiżitur biex wara li jgħarbel iċ-ċirkustanzi kollha jiddeċiedi hu. Mons. Gallerati Scotti qeda dmiru u ddeċieda favur il-firda. Għaldaqstant il-Ġenera ta' l-Ordni ħatar lill-Maj. P. Pier Tumas Tanti bħala l-ewwel Vigarju Provinċjali tal-Karmelu ta' Malta. Mela din kienet it-tieni darba li l-kunventi Karmelitani Maltin ġew mifrudin mill-Provinċja ta' Sant Anġlu ta' Sqallija.[77]

Dak li għamlet il-Knisja ħassru l-Istat. Ir-Re ta' Napli dar fuq il-Gran Mastru Manuel de Rohan u ordnalu jrażżan il-patrijiet Maltin. Heddu wkoll li jieħu passi kontrih jekk, fi żmien xahrejn, ir-reliġjużi Maltin ma jerġgħux lura taħt il-ġurisdizzjoni tal-Provinċjali Sqallin. Dan beża' mit-



*Maj. P. Pier Tumas Tanti*

theddid tar-Re u talab lill-Papa biex jipperswadi lill-Ġenerali ta' l-Ordnijiet Reliġjużi biex ireġġgħu lura l-kunventi ta' Malta taħt il-ġurisdizzjoni tal-Provinċjali ta' Sqallija.[78] Ma nafux x'wieġbu jew x'għamel il-Papa, imma nafu żgur li, f'Ottubru 1791, il-Gran Mastru ħareġ digriet li bih ġegħel lill-patrijiet Maltin joqogħdu għas-Superjuri tagħhom Sqallin.[79] Għalhekk, għal darb'oħra xewqet il-Karmelitani Maltin sfat bla temma. U mhux talli huma ma ħadux l-indipendenza minn Sqallija, imma talli r-reliġjużi Maltin ta' l-Ordnijiet l-oħra tilfu l-indipendenza li kienu kisbu.[80]

**5. Il-Firda**

Sewwa jgħidu li l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi u dak li hu miktub fis-sema ma jħassru ħadd. Meta Alla jrid jiftaħ qrib: la taf mnejn u lanqas kif. Il-firda kellha ssir u biex isseħħ Alla nqeda bil-ħażin tal-Franċiżi u bit-tajjeb ta' l-Ingliżi. F'Ġunju 1798 Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi. Napuljun Bonaparte hekk kif sab ruħu sid il-gżejjer ta' Malta, beda jfassal għadd ta' liġijiet aktarx ħżiena milli tajbin. Fost oħrajn, maħruġin fis-16 ta' Ġunju 1798, kien hemm tnejn li joqorsu lill-Kleru fil-laħam il-ħaj. Waħda kienet tgħid li l-Qassisin, Patrijiet u Sorijiet kollha, hu liem'hu l-Ordni Reliġjuż tagħhom, li ma twildux Malta jew Għawdex kellhom iħallu dawn il-Gżejjer fi żmien għaxart ijiem.[81] L-oħra kienet tordna li t-tmexxija u l-benefiċċji li

jitbattlu minħabba t-tluq ta' dawk l-ekkleżjastiċi, kellhom jingħataw lil dawk li twieldu Malta jew Għawdex. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-Kleru Malti ħa pjaċir b'dawk il-liġijiet, iżda kien hemm oħrajn li joffendu d-drawwiet u s-sentiment reliġjuż Malti u ħadd ma seta' jġerragħhom.[82]

Il-Karmelitani marru ħażin mal-Franċiżi, għax dawn serqulhom dehbijiet u fided, keċċewhom 'il barra u sakkrulhom il-knisja u l-kunvent ta' l-Imdina, u kienu se jeħdulhom sa t-tapezzerija ta' dik il-knisja li kieku ma faqqgħetx ir-rewwixta.[83] Imma b'xorti tajba l-Franċiżi ma saddux wisq f'Malta. Fil-5 ta' Settembru 1800, il-mexxej tagħhom, il-Ġeneral Vaubois, kellu jċedi u jerħi l-Gżejjer Maltin f'idejn il-Ġeneral Ingliż Sir Henry Pigot.[82] Sena wara, fis-27 ta' Awissu 1801, il-Kummissarju Ingliż f'Malta, Sir Charles Cameron, kiteb lill-Isqof Mons. Vincenzo Labini[84] biex jaqta' kull rabta mas-Superjuri barranin minbarra mas-Santa Sede.[85] Imbagħad, fil-15 tax-xahar ta' wara, bagħat kopja ta' dik l-ittra lis-Superjuri Reliġjużi ta' Malta u żied igħidilhom li issa kellhom jiddependu biss mis-Superjuri Ġenerali tagħhom, u ma jidhirlux li dawn għandhom għax ifixklu l-ordnijiet mogħtijin mill-Gvern tal-Maestà Tiegħu.[86]

Il-Karmelitani malajr ħatfu l-okkażjoni u wasslu l-ordnijiet imsemmija lis-Superjuri tagħhom. B'danakollu l-Isqallin baqgħu jżommu iebes, lanqas din id-darba ma riedu jċedu. Xorta baqgħu jagħmlu li jridu bil-moħbi u jibagħtu Viżitaturi biex iżuru l-kunventi Karmelitani f'Malta. Il-Gvernatur Sir Thomas Maitland, meta induna b'dan il-qerq, malajr ħaseb biex isewwi kollox. Fl-14 ta' Jannar 1819, permezz tas-Segretarju Ewlieni tal-Gvern: Richard Plaskett, bagħat ittra lill-patrijiet tal-Karmnu fejn qalilhom, li hu sar jaf li l-Provinċjal tagħhom ta' Sqallija baqa' jħaddem setegħtu fuq il-kunventi Maltin tagħhom, bħalma kien jagħmel fi żmien l-amministrazzjoni Ingliża ta' qablu. Hu jidhirlu li dan m'għandux jibqa' jseħħ minħabba l-qagħda politika tal-gżejjer ta' Malta. Għalhekk qatagħha li, bi ftehim mas-Santa Sede, jieħu passi biex il-kunventi tagħhom ta' Malta jsiru Provinċja għalihom taħt il-ġurisdizzjoni waħdanija tal-Pirjol Ġenerali tagħhom. Għaldaqstant, minn dak in-nhar 'il quddiem il-kunventi tagħhom ma kinux jiddependu iżjed mill-Provinċja ta' Sqallija. Il-Pirjoli, f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-kunventi, għandhom joqogħdu biss għall-kelma tas-Superjur Ġenerali tagħhom. Min ma kenitx togħġbu dik id-deċiżjoni, seta' bil-libertà kollha jitlaq minn Malta.[87]

Sa fl-aħħar, mela, il-Bambin semagħna, nistħajlu li l-Karmelitani li riedu l-firda qalu għalenija. Għalhekk, mingħajr tnikkir bagħtu jgħarrfu lill-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni, il-Maj. P. Giuseppe Bartoli, bl-ordnijiet ta' Maitland. Dan, hekk kif żgura ruħu minn dawk l-ordnijiet, fl-10 ta' Mejju ta' dik is-sena 1819, ħareġ id-digriet "Quoniam sicut accepimus" fejn iddikjara l-firda tal-Karmelu Malti minn dak Sqalli tal-Provinċja ta' Sant Anġlu, u għażlet bħala l-ewwel Vigarju Provinċjal taż–żewġ kunventi Karmelitani ta' Malta lill-Maj. P. Pier Tumas Tanti:

> "Quoniam, sicut accepimus, superiori providentia sancitum est ut omnes Regulares, eorumque Conventus in Insula Melitensi existentes immediatae jurisdictionis respectivorum Superiorum Generalium in postero subessent, idcirco praefatae legi, quantum in nobis est, inherentes, omnes et singulos Nostri Ordnis Alumnos in praefata Insula nunc, et futuriss tamporibus existentes, nec non Conventus SSmae Annuntiationis Urbis Notabilis, et Beatae Mariae Virginis de Monte Carmelo Urbis Vallettae... tenore praesentium omnimodae et immediatae jurisdictioni nostrae subjicimus... hinc auctoritate nostra tenore praesentium..., Te praememoratum Adm Rvdm Patrem Magistrum Petrum Thomam Tanti facimus et creamus et instituimus Vicarium Provincialem praedictorum Conventuum... Datum Romae Ex Carmelo Nostro Stae Mariae Trans Potem. Die Decima Maji 1819 - Fr. Ioseph Bartoli Vicarius Gnlis Ordnis Carmelitarum (In Reg. o fol. 15) Loco + Sigilli, Fr. Aloysius Calamata pro Secretar. Rmi Gnlis.[88]

Fid-digriet tal-Ġeneral ma nsibux li P. Pier Tumas Tanti ngħata l-fakultajiet kollha ta' Provinċjal, imma dawn nistgħu nissaponuhom u fil-fatt hekk ġara, għax wara nsibu lill-Vigarju Prov. ta' Malta jidħol fil-Kapitli Ġenerali bħala Vigarju Ġenerali u jivvota wkoll fl-elezzjoni tal-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan.[89]

Hawnhekk inħossu li għandna nisselfu xi versi mis-sunett ta' Ġorġ Pisani "Lil Mikiel Anton Vassalli" u napplikawhom lill-Maj. P. Baskal Clysson:

"Jifraħ illum ġo qabrek l-għadam tiegħek,
Għaliex il-ħsieb li ħlomt ma tkeffinx miegħek.
Min tak fuq wiċċek sħiħ u żamma 'l driegħek,
Għax lill-barrani dejjem ried jirhanna,
Fit-trab ta' l-art il-lum rajnieh jitmiegħek,
Mirbuħ u fqir bla tama li jistagħna.
Kissirna r-rbit qadim ta' Malta rsira,
U sirna l-aktar sħaħ u kotrana.[90]



*Maj. Luigi Maria Galli*



*Maj. P. Luigi Malfatti*

**6. Provinċja**

Biex il-Vigarjat tal-Karmelu Malti seta' jsir Provinċja, kien jeħtieġ kunvent ieħor. Provinċja ma setax ikollha inqas minn tliet kunventi, u Malta l-Karmelitani kellhom biss kunvent il-Belt u ieħor l-Imdina, għax dawk tal-Lunzjata tar-Rabat u tal-Birgu kienu ilhom is-snin li għalqu. Kienu issa għaddew 70 sena minn mindu saret il-firda mill-Provinċja ta' Sant Anġlu fi Sqallija, u ħaġa minn ewl id-dinja l-Patrijiet kien ilhom bix-xewqa li jagħmlu pass ieħor 'il quddiem u minn Vigarjat isiru Provinċja. Ix-xoqqa ġiet f'moxtha nhar l-1 ta' Frar 1890,[91] meta l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt offriet lill-Karmelitani l-knisja ċkejkna tagħha biswit il-bħajra tal-Balluta, San Ġiljan. Sitt xhur wara, fid-19 ta' Awissu, offrithilhom ukoll biċċa raba tmiss mal-knisja biex jibnu kunvent fiha. Huma ħatfu ż-żewġ okkażjonijiet u malajr beda l-bini tal-kunvent, hekk li f'sentejn kien lest u inawgurat mill-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan, il-Maj. Luigi Maria Galli. Il-komunità tal-kunvent twaqqfet kanonikament fit-3 ta' Frar 1892, imma ħadet il-pussess tiegħu tliet xhur wara, fit-22 ta' Mejju.[92] Fl-aħħarnett, sewwa sew fil-31 ta' Mejju 1892, il-Ġenerali Galli, b'reskritt maħruġ mis-Santa Sede fis-7 ta' Mejju 1892, għolla l-Vigarjat tal-Karmelu Malti għall-grad u dinjità ta' Provinċja fi ħdan l-Ordni u ħatar bħala l-ewwel Provinċjal lill-Maj. P. Lwiġ Malfatti.[93] Bħala kunsillieri tal-Provinċjal intgħażlu P. Ġiljan Calleja, P. Avertan Said, P. Anġlu Mallia u P. Franġisk Raiti. Imbagħad, fl-1 u t-2 ta' Ġunju ta' dik is-sena sar l-ewwel Kapitlu Provinċjali fejn P. Anġlu Mallia ġie magħżul b'Pirjol tal-Kunvent ta' San Ġiljan (Balluta).[94]

Kunvent tal-Karmnu
Valletta
Nhar il-festa ta'
S. Marija Madalena de' Pazzi
25 ta' Mejju 1992

N.B. In-noti ta' dan l-artiklu flimkien mal-bibljografija l-artiklu nnifsu w tliet appendiċi, se jinħarġu fi ktejjeb bl-isem ta' SA FL-AĦĦAR PROVINĊJA MITT SENA ILU.